# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 22

19 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-14.26.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Agenda Numru.22

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 21;
22.3 Kumunikazzjoni mis-Sindku;
22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
22.5 Kumunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
22.6 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2025 (Kwart 4)
22.7 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2025 (unaudited);
22.8 L-Estimi Annwali 2026;
22.9 Attivitajiet Dramm tal-Għid, Jum Sannat u Wine Festival;
22.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
22.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
22.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

**Minuti**

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

**22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

22.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21**

22.2.1 Is-sindku qal, li l-kunsilliera Cassar Sultana tinsab fi triqitha lejn il-kunsill. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.21 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.3.1 Fil-bidu ta' din il-laqgħa, is-sindku qal, li llum ġiet mistiedna l-accountant tal-kunsill biex tagħti overview tar-rendikont tas-sena finanzjarja 2025, liema rapport ġie mgħoddi lill-kunsilliera. Is-Sa. Pauliana Said bdiet billi stiednet lill-kunsillieri biex isibu paġna 4 fejn hemm il-profit & loss, fejn irrimarkat li fis-sena 2024 il-kunsill spiċċa bi profit ta' 59,000 Ewro , waqt li fil-2025, il-kunsill għalaq b'telf ta' 36,000 Ewro. L-accountant ikjarifikat, li 24,000 Ewro li suppost kienu marbuta ma' spejjez fl-2024 marbuta mal-Milied ma kienux imdaħħlin fis-sena finanzjarja 2024, peress li kien hemm il-bidla tas-segretarju eżekuttiv u ma' sarx handover. L-accountant għamlet referenza wkoll għal paġna 12, rigward deprezzament ta' 28,000 Ewro fl-assi tal-kunsill fosthom toroq, tabelli, sinjali etċ. L-accountant ikonfermat, li jekk tieħu in konsiderazzjoni kollox, jiġi li fil-2025 il-kunsill ġie minn fuq bħala profitt bi ftit. Is-Sa. Said xorta saħqet, li l-kunsill għandu jibqa' jimxi mal-budget stipulati. Għalkemm l-allokazzjoni finanzjarja żdiedet bi ftit, xorta mhux biżżejjed, għal-fatt li r-raħal ta' Sannat kiber ħafna fil-popolazzjoni. Is-sindku saħaq, li għandu jitħejja rapport tal-demografija tal-lokalita ta' Sannat, fejn minn popolazzjoni ta' madwar 2,200 persuna żdiedet għal għal fuq minn 3,000 persuna. Infetħu wkoll toroq ġodda, konsegwentement iridu jsiru aktar bankini, tabelli, sinjali etċ. Hemm spejjeż ukoll relatati mal-bozoz, fejn bozza waħda tiswa lil-kunsill madwar 3,000 Ewro u l-allokazzjoni f'sena hija ta' 5,000 Ewro. Il-kunsill qed jikkalkula li fir-raħal hemm bżonn isiru bejn għoxrin u ħamsa u għoxrin bozza oħra u għalhekk il-kunsill qed ikun qed jitlob ukoll lid-dipartiment allokazzjoni ta' darba biex dawn isiru.

22.3.2 Is-Sa. Said fakkret ukoll, li l-ġbir taż-żibel, issa qiegħed taħt ir-responsabilta' tar-reġjun t'Għawdex. Il-kunsill kien jingħata allokazzjoni ta' 33,000 Ewro, pero' fil-fatt kien ikun hemm spiża ta' 47,000 Ewro. Għalhekk il-kunsill franka spiża addizzjonali ta' 14,000 Ewro kull sena, peress li l-kunsill kien ikollu joħroġ din is-somma (14,000 Ewro) biex ikopri l-ispejjez kollha. L-accountant reġgħet saħqet li għandhom jimxu skond il-budget disponibbli.

22.3.3 Is-sindku rrimarka, li l-kunsill qed jimxi ħafna bil-għaqal fl-operat tiegħu. Sfortunatament, is-sindku qal, li ċertu claims ma sarux, u l-kunsill tilef madwar 40,000 Ewro marbuta ma' measure 4.4. Huwa saħaq, li s-segretarju eżekuttiv preċedenti ma bagħtitx il-claims sad-data stipulata mill-paying agency, minkejja l-fatt li s-segretarju eżekuttiv preċedenti kienet qed tassigura lill-kunsilliera li dawn qed jiġu *claimed*. Is-sindku fakkar, li dawn huma nuqqasijiet amministrattivi u bħala kunsilliera ma kienux jafu jekk dawn il-claims kienux jiġu preżentati jew le. Bħala kunsilliera xogħolhom hu, li jġibu l-fondi għal-proġetti li jistgħu jibbenifikaw bħala kunsill.

22.3.4 14.35 il-kunsilliera Cassar Sultana tidħol għal-laqgħa.

22.3.5 L-accountant tal-kunsill is-Sa. Pauliana Said qalet lill-kunsilliera, li għamlet update ta' l-assi minn 1994 s'issa li għandu l-kunsill u se tagħmel *written off* dawk li ilhom iktar minn għaxar snin. Ilejla, jekk il-kunsilliera japprovaw, l-accountant se tibgħat kollox lill-awditur.

22.3.6 Is-sindku kompla l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li l-kunsill qiegħed jimxu tajjeb ħafna u spjega lill-kunsilliera Cassar Sultana x'qalet l-accountant is-Sa Pauliana Said ftit minuti ilu. Is-sindku rrimarka, li f'kull laqgħa tal-kunsill kien jisħaq mas-segretarju eżekuttiv preċedenti biex isiru l-claims biex jintbagħtu l-flus marbuta ma' proġetti li kienu jsiru mill-kunsill. Fil-fatt, semma ukoll, li l-*claims* marbuta ma' l-attivitajiet li jsiru fir-raħal u kien hemm flus allokati mill-Ministeru għal Għawdex, il-*claims* saru mis-segretarj eżekuttiv preżenti.

22.3.7 Il-kunsill irċieva l-aħbar pożittiva, li l-funding mitlub mill-kunsill biex isir il-proġett tal Belvedere ta' Triq 28 t'April ġie approvat u fil-jiem li ġejjin ser jiġi jffirmat l-agreement ma Project Green. Għalhekk, issa trid toħroġ is-sejħa pubblika marbuta ma' dawl, għamara, siġar u shrubs kif kienu preżentati fuq l-artistic impression propost. F'ċertu partijiet tat-triq se jsir ukoll *resurfacing* tat-triq 28 t'April. Il-kunsillier Bajada fakkar biex ma jinsewx lill-bdiewa li qed jitolbu aċċess għal l-għelieqi tagħhom. Is-sindku ssuġerixxa, li fl-opinjoni tiegħu l-ewwel żewġ bankijiet għandhom jinqelew, peress li qed iħarsu lejn il-ħajt u jiżdied il-parking. Is-sindku kkonferma, li l-bankijiet li hemm f'din it-triq ser isiru ġodda, u li hemm bankijiet biżżejjed. Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet suġġeriment jekk hux possibli li n-naħa ta' ġew ta' Triq 28 t'April, fejn hemm il-kwiet tistax isir picnic table. Is-sindku

qal, li hija ideja tajba, pero', ma jaħsibx li l-bankina hija kbira biżżejed. Rigward picnic area, fl-laqgħat preċedenti kienet issemmiet l-ideja li din isir in-naħa ta' fuq ta' Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri. Il-perit tal-kunsill intalab biex jivverifika jekk il-kunsill jistax japplika għal devoluzzjoni biex hekk tkun tista' jsir picnic area, jitħawwlu iktar sigar, u jsir *cathouse.* Il-kunsilliera Galea saqsiet lis-segretarju eżekuttiv biex tikkonferma li jekk fi żmien tletin (30) sena, ma jiġiex claimed minn l-ebda persuna, din taqa' f'idejn il-gvern, dejjem wara li jsiru r-riċerki meħtieġa. Is-sindku qal, li din il-parti qatt ma nħaddmet, fejn fil-passat kien hemm maħsub li tibqa' sejra bħala triq paralella ma' Triq il-Kbira.

22.3.8 Il-korporazzjoni ta' l-ilma għamlet xogħlijiet f'parti minn Triq Seguna, Triq Xabbata, Triq Ras in-Newwiela kif ukoll Triq Bebunaq. Il-kunsill dejjem kien qed jagħti in-no objection tiegħu bil-kundizzjoni li jingħata il-*full width* bl-asfaltar. Fil-verita', il-kunsill kien qed jitlob din il-kundizzjoni lill-kuntrattur u mhux lill-korporazzjoni. Għal-futur, iridu jsir kuntratt bejn żewġ partijiet konċernati. Il-kunsill mhux kontra li jsiru servizzi ġodda, anzi, imma jisħaq li jerġa' jingħata wiċċ ġdid tat-tarmac from *curb to curb*. Il-kunsill żamm iebes ħafna mal-korporazzjoni, u fil-fatt illum taw parti minn Triq Seguna u Triq Ras In-Newwiela. Għada kif ippjanat, ser jingħata asfaltar fi Triq ix-Xabbata u Triq Bebunaq. Is-sindku semma wkoll, li hemm kwistjoni fi Triq Dun Luqa għax għandhom isiru xi xogħlijiet ta' servizzi.

22.3.9 Il-viċi sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera marbuta ma' ritratt li deher fuq facebook ta' persuna li qed tilmenta għal-fatt li parti tat-Triq Tempju ta' l-Imramma għadha ma' ġietx asfaltata, fejn is-segretarju eżekuttiv kkonfermat ukoll li ntbagħtu xi imejls il-kunsill. Is-sindku ikkonferma, li l-kunsill applika biex din il-parti tat-triq tkun waħda mit-toroq, li l-Ministeru għal Għawdex se jibda xogħlijiet ta' asfaltar. Is-sindku saħaq ukoll, li l-kunsill mgħandux ir-responsabilta' tat-toroq imma l-manutenzjoni tagħhom. Ta' min isemmi, li f'din il-parti tat-triq ġdida s-servizzi għaddew kollha, pero', baqa' kostruzzjoni għaddejja fiha, bi ħmieġ ta' materjal marbut mal-kostruzzjoni u finishing qed jintefa' mill-gallariji l-isfel. Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet ukoll, li din il-persuna li kitbet il-kumment allegat li l-kunsill huwa moħħi biss fl-attivitajiet. Il-kunsilliera kollha qablu, li dawn l-attivitajiet huma parti mportanti fi ħdan il-kunsill b'risq il-kommunita biex in-nies igawduhom, u anki jiġu nies barra mir-raħal. Is-sindku elenka numru ta' proġetti li għamel il-kunsill f'dawn l-aħħar snin bħal asfaltar fi Triq Paranji, Triq Zabbetta, Triq Xamgħan, Triq Kelinu Azzopardi, Triq Dun Lazzru Camilleri, Triq Ġanni Muscat kif ukoll resurfacing Triq Ras in-Newwiela, parti minn Triq Seguna, Triq Ras in-Newwiela u Triq Bebunaq. Il-kunsill akkwista wkoll fondi biex isiru l-proġetti tal-belvedere ta' Triq 28 t'April, il-proġett tal-Kalkara tal-Ġir, il-pjazzetta Cocco Palmieri li għadha ma bdietx għax se jweqqew żewġ postijiet, servizzi ġodda fi Triq Dun Luqa, bdew il-preparamenti fuq il-proġett tal-playing field, xogħlijiet li ser jibdew dalwaqt fi Triq il-Kbira kif ukoll il-proġett maħsub u permessi approvati ta' Mġarr ix-Xini *Pumping station*, permess li kien ħareġ fis-sena 2017 u iġedded is-sena l-oħra, liema proġett li jinvolvi miljuni ta'ewro. Din il-persuna li ġie joqgħod ta' Sannat li mgħandux ideja x'sar fir-raħal, u qed jitkellem fuq parti ta triq li hi

twila 300m, li sa ftit ġimgħat ilu kienet biss passaġġ bir-riġel. Il-kunsill għandu jkun kburi bix-xogħol li sar u qed isir, għalkemm bil-limitazzjoni li għandu l-kunsill.

22.3.10 Il-kunsillier Bajada saqsa jekk hux possibli li Triq il-Lewż titkompla tiġi asfaltata. Is-sindku qal, li din ma' taqax taħt il-kunsill Ta' Sannat, imma l-Kunsill Tax-Xewkija li għandu responsabilta' ta' din it-triq. Il-kunsill ta' Sannat għandu biss it-tarf tat-triq. Il-kunsilliera Cassar Sultana għamlet referenza għal dik il-parti tat-triq fejn hemm iċ-ċimiterju, eżattament dik il-kantuniera, fejn hemm dawk l-erbgħa siġriet. Il-kunsilliera Galea qalet, li ilha mill-ewwel ġurnata li ilha fil-kunsill , tisħaq li dik il-kantuniera għandha tiġi espropjata, biex tkun tista' titwassa it-triq, isir *traffic island* u jiġu evitati inċidenti. Is-sindku qal, li l-aħjar immorru Transport Malta biex jagħtu l-opinjoni tagħhom u jibdew minn hemm.

22.3.11 Il-kunsillier Bajada saqsa fuq iż-żbir tas-siġra tal-Ħarruba int hu tiela' mill-Munxar lejn Ta' Sannat, peress li jssa l-aħjar żmien biex tinżabar u jiġi evitat xi inċident. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li qed titlob biex jiġġedded il-permess, peress li għadha ma ġietx miżbura u għalhekk se terġa tfakkar lill-kuntrattur biex tinżabar. Is-segretarju eżekuttiv talbet ukoll biex tinżabar siġra oħra li tinsab fi Triq Marsilja u oħra Triq il-Kbira. Is-sindku qal, li l-kuntrattur għandu *light pruning* u mhux *heavy pruning*, pero', issa mportanti li jiġi nkella jsibu kuntrattur ieħor.

22.3.12 Kif kien miftiehem f'laqgħat preċedenti, fil-playing field ta' Triq Marziena, hemm il-ħsieb li tinqala' s-siġra ta' l-Awrikarja li hemm fil-playing field u titħawwel fil-pjazza Santa Margerita, dejjem jekk ikun hemm l-approvazzjoni minn naħa ta' l-ERA. Il-botonista huma tal-fehma, li jekk isir il-proġett imsemmi tal-playing field, jitħawwlu siġar indiġeni, jiġifieri siġar lokali ta'Malta. Bħala kunsill iridu jitolbu biex isir rapport biex jiġi ppreżentat quddiem l-ERA, biex jiġu rilokati s-siġar li ħa jinqalew mill-playing field. Is-sindku qal, li hemm vantaġġ li l-iskola hi fil-qrib, fejn diġa tkellem mal-kap ta' l-iskola biex dawn jitħawwlu fil-ġonna li hemm fl-iskola. Il-kap ta' l-iskola ma sabet l-ebda oġġezzjoni, u se jaraw liema siġar skond il-botonista jistgħu jiġu *transplanted*. Bħal ma' ġara fuq is-siġar tal-pjazza, is-sindku huwa fiduċjuż li dawn jistew jaqbdu u jerġgħu jieħdu l-ħajja, Is-sindku qal, li l-gate saret u qed tiġi *galvanized*,u issa għandu jsir rapport, peress li dan hu parti mill-proġett minn fondi tad-DPF biex isir il-*claim*.

**22.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri**

22.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsillieri.

**22.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv**

22.5.1 Is-segretarju eżekuttiv fakkret lill-kunsilliera li qed tibagħtilhom emejls u ċirkulari ta' informazzjoni li l-kunsill ikun qed jirċievi.

22.5.2 Is-segretarju eżekuttiv qalet li l-kunsill ser jagħmel claim 9 marbuta mal-proġett tal-pjazza, liema claim suppost saret is-sena l-oħra u qatt ma' ġiet imsemmija f'xi laqgħa tal-kunsill. Dawn jinkludi tliet invoices li jammonta €10,625.11. Il-kunsilliera qablu unanimament li għandha tintbagħat din il-claim.

22.5.3 Is-segretarju eżekuttiv semmiet li bagħtet il-*quarterly report* lill-kunsilliera u l-budget. Is-sindku saħaq li jekk jibqew sejrin hekk u jimxu dejjem skond il-budget stipulat, il-kunsill ma jkollux problemi.

22.5.4 Id-dipartimet approva l-performance bonus ta' 5% tas-segretarju eżekuttiv u l-kunsilliera qablu unanimament.

**22.6 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2025 (Kwart 4)**

22.6.1 Is-segretarju eżekuttiv qalet li bagħtet il-*quarterly report* lill-kunsilliera. Il-kunsilliera qablu li dawn ir-rapporti huma kompilati mill-accountant tal-kunsill, għalhekk jaqblu li jiġu approvati.

**22.7 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2025 (unaudited);**

22.7.1 L-accountant, is-Sa. Pauliana Said ippreżentat lill-kunsilliera iktar qabel f'din il-laqgħa ir-rapport finanzjarju amministrattiv marbut mas-sena 2025.

**22.8 L-Estimi Annwali 2026**

22.8.1 L-accountant, is-Sa. Pauliana Said spjegat lill-kunsilliera iktar qabel f'din il-laqgħa l-estimi annwali marbuta mas-sena 2026.

**22.9. Attivitajiet Dramm tal-Għid, Jum Sannat u Wine Festival**

22.9.1 Id-dramm tal-passjoni ta' din is-sena ser ikun jismu 'Waslet is-siegħa' u ser tittella' s-Sibt filgħaxija eżattament fil-21 ta' Marzu. Dan id-dramm ser jittella' filgħaxija għax id-direttur artistiku jixtieq li joħorġu l-effett ta' dwal artifiċjali. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera, li jekk ikunu jafu xi nies li jixtiequ jieħu sehem f'dan id-dramm jersqu l-quddiem speċjalment irġiel għax jonqos iktar karattri. Bħalissa għaddejjin l-provi marbuta ma' dan id-dramm.

22.9.2 L-attivita ' ta' Jum Sannat, il-kunsilliera qablu li jsir fil-25 t'April fis-sala ta' l-iskola primarja. Din ser isir fis-sala ta' l-iskola, peress li dak inhar ser ikun hemm il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġuzepp. Is-sindku qal, li mportanti li joħorġu in-nomini u joħroġ l-avviż f'kull dar biex jinnominaw lil xi persuna, għaqda, grupp ta' nies biex sa l-aħħar ta' Marzu jidħlu applikazzjoni. B'hekk il-kunsill ikollu żmien biżżejjed biex ikun jista' jiddeċiedi fuq dan il-premju. ta' żgħażugħ/a u Ġieħ Sannat. Viċi sindki semma li jixtieq li xi darba jsir monument fil-pjazza b'tifkira tat-28 t'April Jum Sannat u jista' jkun hemm ukoll marċ bil-banda. Il-kunsilliera waqt li qablu ma' din l-ideja u toħroġ espressjoni ta' interess mill-artisti kollha u jintagħżel l-isbaħ mudell biex isir monument li jirrappreżenta il-ħidma sfieqa tan-nies Sannatin b'risq ir-raħal.

22.9.3 Il-kunsillier Bajada saqsa lis-sindku jekk sabux is-switch li kien hemm fi Pjazza tax-Xelina, li rriżulta li mgħadux f'postu. Is-sindku qal, li kienet sorpriża li dan mgħadux hemm u saqsa jekk xi ħadd għandux ritratt tiegħu w issir plakka kommemorattiva.

22.9.4 Wine Festival – l-inbid ġie magħżul pero', għadu ma ġiex ordnat. Issa l-kunsill irid jaħseb għal *entertainment* ta' din l-attivita', dejjem jimxu skond il-budget li ser ikun disponibbli. Kif diġa' ssemma f'laqgħat preċedenti, il-Wine Festival ser isir is-Sibt 2 ta' Mejju, aktar dettalji ser jingħataw fi żmien li ġej.

**22.10 Ilmenti u suġġerimenti**

22.10.1 Is-segretarju eżekuttiv qalet, li daħlu ħafna lmenti fuq Triq Tempju ta' l-Imramma. Is-sindku qal, li diġa għamel referenza għal dawn l-ilmenti iktar kmieni f'din il-laqgħa. Reġa' saħaq li mhiex responsabilta' tal-kunsill li jsiru t-toroq, pero', qed jaħdmu id f'id mal-ministeru għal Għawdex, fejn ġie konfermat li laqa' it-talba tal-kunsill minn naħa tal-ministeru. Għal kunsill, din it-triq hija priorita', għax ħa tkun fir-rotta tat-transport pubbliku fil-pjan tat-*traffic managment* ġdid, u għalhekk il-kunsill qed jaħdem biex din it-triq tiġi asfaltata. Kull sindku u kull kunsillier jixtiequ li jkollhom l-aħjar triqat fil-lokalita' tagħhom. Is-sindku reġa' tenna li jintrema ħafna ħmieġ, wara li l-kunsill naddaf kemm il-darba, hija xi ħaġa tal-biza' mingħand xi persuni rresponsabbli.

22.10.2 B' referenza għall-ilment 3/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju eżekuttiv qallet li dan il-ħaxix qed jinqata'

22.10.3 B' referenza għall-ilment 4/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward mera mkissra fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li din ġiet ordnata.

22.10.4 B' referenza għall-ilment 5/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP fuq skart mormi fi Triq Xagħman.

22.10.5 B' referenza għall-ilment 6/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP fuq patching fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li din it-talba intbaghtet lil ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System.

22.10.6 B' referenza għall-ilment 7/2026, il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System sabiex issir bankina ġdida fi Triq Ta' Ċenċ. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li din it-talba intbaghtet lil ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System.

22.10.7 B' referenza għall-ilment 8/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward ħajt imwaqqa fi Triq Mgarr ix-Xini. Is-Segretarju eżekuttiv

informathom li din it-talba intbaghtet lil ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System.

22.10.8 B’ referenza għall-ilment 9/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward ħajt imwaqqa fi Triq ix-Xewkija fejn iċ-ċimiterju.

22.10.9 B’ referenza għall-ilment 10/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward *dog bin* imkisser fi Triq Tal-Gruwa.

22.10.10 B’ referenza għall-ilment 11/2026, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira talbet li ssir 1.5m Keep Clear Bay quddiem ir-residenza tagħha.

22.10.11 B’ referenza għall-ilment 12/2026, il-kunsill irċieva ilment rigward mera mkissra fi Triq Sannat. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li ġiet ordnata waħda ġdida.

22.10.12 B’ referenza għall-ilment 13/2026, resident li joqgħod fi Triq Paranji talab li tiġi rranġata l-bankina ta quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li din it-talba intbaghtet lil ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System.

22.10.13 B’ referenza għall-ilment 14/2026, residenta li toqgħod fi Triq Ta’ Ċenċ ilmentat rigward il-veloċita qawwija tal-karozzi telgħin u neżlin u meta tkun ix-xita l-ilmijiet jidħlu sa ġewwa kawża ta din il-veloċita. Din ir-residenta talbet li tintbagħat imejl lil Transport Malta sabiex dawn jaraw x’ jista jsir. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li din it-talba intbagħtet lil Transport Malta.

22.10.14 B’ referenza għall-ilment 15/2026, il-kunsill irċieva imejl rigward tabella mkissra fi Triq 28 ta’ April. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li ġiet ordnata waħda ġdida.

22.10.15 B’ referenza għall-ilment 16/2026, il-Kunsill talab l-għajuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System sabiex issir bankina ġdida fi Triq Dun Luqa.

22.10.16 B’ referenza għall-ilment 17/2026, resident li joqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma staqsa meta ser tkun lesta din it-triq dan peress li jsibuha diffiċli biex jidħlu f’din it-triq barra li hemm ħafna trab u tajn fost l-oħrajn. Huwa staqsa lill-kunsill għalfejn dawn ix-xogħolijiet għadhom ma tlestewx, għalfejn se jdumu daqshekk u meta dawn ix-xogħolijiet se jitlestew.

22.10.17 B’ referenza għall-ilment 18/2026, il-kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervetion Team MGP rigward tabella mkissra fi Triq ix-Xabbata. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li ġiet ordnata waħda ġdida.

22.10.18 B’referenza għall-ilment 19/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward tabella mkissra fi Triq 28 ta’ April. Is-Segretarju eżekuttiv informathom li ġiet ordnata waħda ġdida.

22.10.19 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGP permezz tas-Sistema tal-Works Request System sabiex tiġi rranġata bankina mkissra fi Triq Dun Luqa.

22.10.20 Is-segretarju eżekuttiv qalet li l-kunsill ġie mitlub biex isiru double yellow lines fi Triq Xamgħan. Is-sindku qal, li l-linji ma’ jistgħux isiru jekk tkun ix-xita. Apparti minn hekk, kemm Triq Xamgħan l-parti l-ġdida u Triq Dun Lazzru Camilleri jridu jingħataw it-tieni kisja t’asfaltar.

22.10.21 Il-kunsilliera Cassar Sultana talbet biex jerġew jitwaħħlu l-mirjiet fi Triq Paranji peress li qed tkun diffiċċli biex joħorġu mit-triq, bis-sindku anki jikkonferma li se jerġgħu jinżabħu l-linji u fil-parti d-dejqa se jsiri fuq żewġ naħat.

22.10.22 Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li qed jiġru warajha mid-direttorat fejn taħdem, fuq il-parking bays li jridu jsiru marbuta EMP. Is-sindku qal, li l-perit irid jiġi jagħmel il-marki.

22.10.23 Il-kunsillier Bajada fakkar lis-sindku li xi residenti ressqu suġġeriment waqt il-laqgħa konsultattiva rigward it-*traffic management* biex jitniżżlu l-isfel il-one ways fi Triq ta’ Ċenċ.

22.10.2 Is-segretarju eżekuttiv fakkret lill-kunsilliera fuq imejl li ntbagħtet rigward il-ħamiem, biex tara l-kunsilliera jaqblux magħha.

**22.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 02 /2026**

22.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiva resqet l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 02/2026 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom

jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

**22.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss**

22.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-3.41pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal il-Ħamis sitta u għoxrin (26) ta' Marzu fis-2.00pm.

Konfermati, illum 26 ta'Marzu 2026

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jeanette Grima<br>Segretarju Eżekuttiv |